StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning

It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

**LIVELLI**

**5 – 6 – 7 – 8**

**L-EWWEL SENA** **IR-RELIĠJON** **IL-ĦIN: Siegħa u nofs**

**L-Isem u l-Kunjom: ______________________ Il-Klassi: ___________**

**TAQSIMA A** **(12-il marka)**

**IL-PELLEGRINAĠĠ** *(6 marki)*

**Agħmel sinjal taħt t-tweġiba t-tajba.**

1. Vjaġġ bi skop reliġjuż u spiritwali nsejħulu (pellegrinaġġ, ġrajja, avventura).
2. Il-pellegrinaġġ lejn (Ruma, Mekka, Tabor) huwa wieħed mill-ħames pilastri tal-fidi Musulmana.
3. Post ta' pellegrinaġġ li jżuru l-Musulmani hu (il-Vatikan, il-Kumpless Al Aqsa, il-Ħajt tal-Punent).
4. Post ta' pellegrinaġġ li jżuru l-Lhud huwa (il-Kumpless Al Aqsa, il-Ħajt tal-Punent, Ruma).
5. Il-fdalijiet ta' (San Pietru, Madre Tereża, San Ġakbu l-Kbir) jinsabu f'Santiago de Compostela fi Spanja.
6. (Il-Vatikan, Ġerusalemm, Nazaret) hi belt meqjusa bħala post qaddis għall-Insara, għal-Lhud u għall-Musulmani.

**Wieġeb fil-qosor.**

7. Semmi **żewġ** postijiet ta' pellegrinaġġ għalina l-Insara fil-Gżejjer Maltin. *(2 marki)*

   (a) ____________________

   (b) ____________________

8. Semmi **żewġ** postijiet ta' pellegrinaġġ għalina l-Insara madwar id-dinja. *(2 marki)*

   (a) ____________________

   (b) ____________________

9. Semmi festa li fiha l-Lhud kienu jmorru pellegrinaġġ f'Ġerusalemm. *(2 marki)*

   ____________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**TAQSIMA B** **(12-il ma**

**IL-VJAĠĠ TA' ĠESÙ**

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma. L-ewwel ittra qed tingħata bħala għajnuna.**

1. Fuq il-muntanja **T**_____________________ seħħet il-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù.
2. F'**N**_____________________ Ġesù għex il-parti l-kbira ta' ħajtu.
3. Lazzru u ħutu Marta u Marija kienu ħbieb kbar ta' Ġesù u kienu joqogħdu **B**_____________________.
4. Il-ġrajjiet il-kbar ta' Ġesù, jiġifieri l-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien tiegħu, seħħew fil-belt ta' **Ġ**_____________________.
5. F'**K**_____________________ tal-Galilija, Ġesù wettaq l-ewwel miraklu meta bidel l-ilma f'inbid.
6. Pietru u Indrì kienu sajjieda minn **K**_____________________ qabel ma sejħilhom Ġesù.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**TAQSIMA C** **(12-il m**

StudentBounty.com

**IL-BIBBJA**

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** *(6 marki)*

1. Il-Bibbja hi ġabra ta' (75, 27, 73) ktieb.
2. Il-ktieb li jiggwida lill-Insara huwa (il-Koran, il-Bibbja, it-Torah).
3. L-ewwel taqsima tat-Testment il-Qadim hija (il-Kotba tal-Għerf, il-Kotba Storiċi, il-Pentatewku).
4. Il-Kotba tal-Għerf huma kotba (li jirrakkontaw stejjer b'tagħlima, ta' talb u tagħlim, dwar il-ħajja ta' Ġesù).
5. (L-Apokalissi, Il-Ġenesi, L-Eżodu) huwa l-aħħar ktieb tal-Bibbja.
6. (Fil-Vanġeli, Fis-Salmi, Fl-Ittri tal-Appostli) nsibu l-ħajja u t-tagħlim ta' Ġesù.

**Wieġeb fil-qosor.**

7. X'tissejjaħ il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu fil-kitba tal-Bibbja? *(2 marki)*

____________________________________________

8. Semmi lingwa li biha kienet miktuba l-Bibbja oriġinali. *(2 marki)*

____________________________________________

9. Għaliex in-Nisrani għandu bżonn il-Bibbja fil-ħajja tiegħu? *(2 marki)*

____________________________________________



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**TAQSIMA D** **(16-il ma**

**L-ISTORJA TAS-SALVAZZJONI**

**Qabbel kolonna A ma' kolonna B. L-ewwel waħda qed tingħata bħala eżempju.**

*(10 marki)*

| | **Kolonna A** | | **Kolonna B** |
|---|---|---|---|
| 1. | Sansun | | Kien it-tifel ta' Abraham u Saraj. |
| 2. | Abraham | | Kellu tnax-il tifel fosthom lil Ġużeppi. |
| 3. | Saraj | | Fih il-wegħdiet li għamel Alla seħħew fil-milja tagħhom. |
| 4. | Iżakk | | Kien profeta fi żmien is-Sultan David. |
| 5. | Ġakobb | **1** | Kien wieħed mill-Imħallfin. |
| 6. | Ġużeppi | | Kien permezz tiegħu li Alla ħareġ lil-Lhud mill-Eġittu. |
| 7. | Mosè | | Kienet il-mara ta' Abraham. |
| 8. | Sawl | | Kien mis-saltna tiegħu li kellu jitwieled Ġesù. |
| 9. | Natan | | Kien l-ewwel sultan tal-poplu Lhudi. |
| 10. | David | | Baqa' msemmi għall-fidi kbira li kellu f'Alla. |
| 11. | Ġesù | | Inbiegħ minn ħutu u spiċċa l-Eġittu. |

12. Ikteb paragrafu ta' madwar 60 kelma dwar personaġġ **wieħed** mit-**Testment il-Qadim**.

*(6 marki)*

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

________________________________________________________________________________

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**TAQSIMA E** **(14-il ma**

**IL-ĠRAJJA TA' GĦID IL-ĦAMSIN**

**Aqra s-silta.**

Meta wasal jum Għid il-Ħamsin, huma kienu lkoll flimkien f'post wieħed. F'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi, u mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin. U dehrulhom ilsna qishom tan-nar, li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed minnhom. Imtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu b'ilsna oħra, skont ma l-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu. F'Ġerusalemm kien hemm xi Lhud, nies twajba minn kull nazzjon li hawn taħt is-sema. Malli nstama' dan il-ħoss, inġabret kotra kbira, ilkoll imħawdin għax kull wieħed minnhom kien jismagħhom jitkellmu bl-ilsien tiegħu. Miblugħin u mistagħġbin, bdew jgħidu: "Dawn li qegħdin jitkellmu mhumiex ilkoll mill-Galilija? Mela kif kull wieħed minna qiegħed jismagħhom jitkellmu bi lsien art twelidu? Partin, Medin u Għelamin, nies mill-Mesopotamja, mil-Lhudija, mill-Kappadoċja, minn Pontu, mill-Asja, mill-Friġja, mill-Pamfilja, mill-Eġittu, mill-inħawi tal-Libja madwar Ċireni, nies li ġew minn Ruma, kemm Lhud u kemm proseliti, oħrajn minn Kreta u Għarab, aħna lkoll qegħdin nisimgħuhom ixandru bl-ilsna tagħna l-għeġubijiet ta' Alla". U lkoll, mitlufa bl-għaġeb, bdew jgħidu wieħed lill-ieħor: "Dan xi jkun?" Oħrajn bdew jiddieħku u jgħidu: "Dawn xorbu l-inbid ġdid?"

(Atti 2, 1-12)

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.**



1. Minn liema ktieb tal-Bibbja hi meħuda din il-ġrajja? *(marka)*
   (Mill-Ktieb tal-Ġenesi, Mill-Vanġelu ta' San Mark, Mill-Ktieb tal-Atti tal-Appostli).
2. Din il-ġrajja nsibuha f'kapitlu (sebgħa, tnejn, tnax). *(marka)*

**Imla l-vojt.**

3. L-awtur ta' dan il-ktieb huwa _____________________ *(marka)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Wieġeb fil-qosor.**

4. Liema huma l-versi li fihom insibu din il-ġrajja? *(marka)*

5. F'liema belt seħħet din il-ġrajja? *(marka)*

6. Semmi **żewġ** simboli tal-Ispirtu s-Santu li jissemmew f'din il-ġrajja. *(2 marki)*

(a)

(b)

7. Wara kemm-il ġurnata mill-Għid seħħet din il-ġrajja? *(marka)*

8. (a) Liema ġrajja mit-Testment il-Qadim turi l-kuntrarju ta' dak li ġara f'Għid il-Ħamsin? *(marka)*

(b) X'differenza hemm bejn iż-żewġ ġrajjiet? *(2 marki)*

9. Bħala Nsara, x'nitgħallmu minn din il-ġrajja? *(3 marki)*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**TAQSIMA F** **(15-il ma**

StudentBounty.com

**L-ISPIRTU S-SANTU FIL-ĦAJJA TAGĦNA**

**Wieġeb fil-qosor.**

1. Liema hu s-sagrament li fih nirċievu l-Ispirtu s-Santu għall-ewwel darba? *(marka)*

_______________________________________________

2. (a) Kemm hemm doni tal-Ispirtu s-Santu? *(marka)*

_______________________________________________



(b) Semmi **tlieta** minnhom. *(3 marki)*

(i) _______________________________________________

(ii) _______________________________________________

(iii) _______________________________________________

3. Liema huma **ż-żewġ** sinjali prinċipali li jintużaw fis-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof? *(2 marki)*

(a) _______________________________________________

(b) _______________________________________________

4. X'differenza jagħmel fik l-Ispirtu s-Santu permezz tas-sagrament tal-Griżma tal-Isqof? Semmi **żewġ** punti. *(2 marki)*

(a) _______________________________________________

(b) _______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

5. Ikteb paragrafu ta’ madwar 60 kelma dwar persuna li ħalliet l-Ispirtu s-Santu jaħdem
matul il-ħajja tagħha. *(6 marki)*

**TAQSIMA G** **(12-il marka)**

**ĠESÙ, L-AQWA GĦALLIEM**

**Wieġeb fil-qosor.**

1. Għaliex Ġesù huwa meqjus bħala l-aqwa għalliem? *(2 marki)*



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Semmi **żewġ** postijiet fejn kien jgħallem Ġesù. *(2 m*

(a) ______________________________

(b) ______________________________

3. Ġesù mhux biss għallimna kif għandna nitolbu, imma kien jitlob huwa stess. Semmi **żewġ** ġrajjiet li fihom naraw lil Ġesù jitlob. *(2 marki)*

(a) ______________________________

______________________________

(b) ______________________________

______________________________

______________________________

4. F'madwar 60 kelma, ikteb fi kliemek **waħda** mill-parabboli li rrakkonta Ġesù. *(6 marki)*

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**TAQSIMA H** **(7 ma**

**DIXXIPLI TA' ĠESÙ**

1. Semmi **tnejn** mill-Appostli ta' Ġesù. *(2 marki)*

   (a)____________________

   (b)____________________

2. Semmi persuna li meta ltaqgħet ma' Ġesù biddlet ħajjitha. *(marka)*

   ____________________

3. Semmi **żewġ** eżempji biex turi li fil-ħajja tiegħek int qed timxi wara Ġesù. *(4 marki)*

   (a) ____________________

   ____________________

   (b) ____________________

   ____________________

**TMIEM IL-KARTA**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers